



IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

BUDG/A7/2008/D/57142

BRUSSELL, 02/09/2008

BAĠIT ĠENERALI - 2008
TAQSIMA III - TITOLU TAL-KUMMISSJONI 19

TRASFERIMENT TA' APPROPRIJAZZJONIJIET
Nru **DEC 23/2008**

INFIQ MHUX OBBLIGATORJU

EUR

MINN

KAPITOLU - 1903 Politika komuni dwar l-affarijiet barranin u s-sigurtà (CFSP)

ARTIKOLU - 19 03 04 Miżuri ta' emerġenza

A# - 10 000 000

KAPITOLU - 1904 Strument Ewropew għad-Demokrazija u d-Drittijiet tal-Bniedem (EIDHR)

ARTIKOLU - 19 04 01 Demokrazija u Drittijiet tal-Bniedem (EIDHR)

A# - 15 000 000

ARTIKOLU - 19 04 03 Missjonijiet elettorali u ta' osservazzjoni tal-UE

A# - 2 000 000

KAPITOLU - 1909 Relazzjonijiet mal-Amerika Latina

ARTIKOLU - 19 09 02 Azzjoni Preparatorja - Kooperazzjoni mal-Pajjiżi tal-Amerika Latina bi Dħul Medju

A# - 1 000 000

GĦAL

KAPITOLU - 1906 Rispons għall-kriżijiet u theddid globali għas-sigurtà

PARTITA - 19 06 01 01 Rispons u preparezza għall-kriżijiet (Strument għall-Istabbiltà)

A# 28 000 000

I. ŻIEDA

a) Intestatura

19 06 01 01 - Rispons u preparatezza għall-kriżijiet (Strument għall-Istabbiltà)

b) Ċifri fis-17/07/2008

	AĦ
1A. Approprjazzjonijiet fil-baġit (baġit inizjali + AB)	70 000 000
1B. Approprjazzjoni fil-baġit (EFTA)	0
2. Trasferimenti	0
<hr/>	
3. Approprjazzjoni finali għas-sena (1A+1B+2)	70 000 000
4. Użu tal-approprjazzjoni finali	43 182 006
<hr/>	
5. Ammont mhux użat/disponibbli (3-4)	26 817 994
6. Ftigijiet sal-aħħar tas-sena	54 817 994
7. Żieda proposta	28 000 000
8. Żieda bħala perċentwal tal-approprjazzjoni fil-baġit (7/1A)	40,00%
9. Żieda bħala perċentwal tal-approprjazzjoni finali għas-sena, fis-somma tat-trasferimenti msemmija fl-Artikolu 23(1)(b) u (c) tar-Regolament Finanzjarju, ikkalkolat skont l-Artikolu 17a tar-regoli tal-implimentazzjoni.	n/a

c) Dħul minn irkupru (trasferit) (C5)

	AĦ
1. Approprjazzjoni disponibbli fil-bidu tas-sena	230 422
2. Approprjazzjoni disponibbli fis-17/07/2008	0
3. Rata tal-użu [(1-2)/1]	100,00%

d) Raġunijiet dettaljati għaż-żieda

Il-biċċa l-kbira tal-proġetti taħt din il-linja tal-baġit għandhom perjodu ta' implimentazzjoni ta' 12-18-il xahar u jieħdu l-forma ta' għotjiet u kontribuzzjonijiet b'mhux aktar minn 80% tal-ammont jiġu mogħtija mal-firma tal-kuntratt. FI-2007, il-biċċa l-kbira tal-impenji (€ 98 miljun) kienu kkonċentriati fi tmiem is-sena għax din kienet l-ewwel sena tal-implimentazzjoni tal-istrument, u l-ħlasijiet li rriżultatw ma setgħux isiru taħt il-baġit tal-2007. Din is-sitwazzjoni ma kienet prevista meta ġie stabbilit l-APB 2008, u għalhekk il-ħtiġijiet tal-approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet għal din is-sena huma oġġla mill-baġit disponibbli bħalissa, partikolarment meta jitqies li huwa previst li € 135 miljun oħra jiġu impenjati dis-sena, li minnhom € 80-90 miljun huwa previst li jiġu impenjati qabel il-pawża tas-sajf.

F'nofs Ġunju, l-implimentazzjoni attwali kienet oġġla milli kien oriġinarjament previst. Madwar € 40 miljun diġà tħallsu u t-€ 30 miljun l-oħra li huma disponibbli se jiġu użati sa tmiem Settembru. Wara l-aħħar estimi tal-ħlasijiet (ara d-dettalji aktar 'l isfel) 28 miljun oħra se jkunu meħtieġa sabiex jiġu koperti l-ħtiġijiet sa tmiem is-sena.

FI-impenji tal-2007, il-ħtiġijiet immedjati għall-ħlasijiet jammontaw għal € 25.3 miljun fuq proġetti implimentati f'diversi żoni ta' kunflitti, bħall-Afganistan, il-Kolombja, il-Palestina, il-Kongo, iċ-Ċad jew is-Somalja. Fir-rigward tal-ħlasijiet li ġejjin, relatati mal-impenji tal-2008, il-ħtiġijiet immedjati huma previsti għal proġetti f'pajjiżi affettwati minn diżastri naturali, bħall-Bangladexx (għargħar), in-Nikaragwa (urugan), il-Peru (terremot), jew li qed ibatu minn nuqqas ta' sigurtà u kunflitti kontinwi, bħall-Kongo, is-Sri Lanka jew il-Libanu. B'riżultat ta' dan, il-ħtiġijiet totali għall-ħlasijiet fl-2008 (li jkopru sew ir-RAL mill-impenji tal-2007 u parti mill-ħlasijiet kontra impenji tal-2008) jammontaw għal € 98 miljun. Sabiex tinżamm il-kapaċità ta' reazzjoni rapida għal kull kriżi li tista' tinqala', qed tiġi mitluba żieda ta' € 28 miljun fl-approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet.

II. TNAQQIS

II.A

a) Intestatura

03 04 - Miżuri ta' emerġenza

b) Ċifri fis-17/07/2008

	AĦ
1A. Approprjazzjonijiet fil-baġit (baġit inizjali + AB)	12 000 000
1B. Approprjazzjoni fil-baġit (EFTA)	0
2. Trasferimenti	0
<hr/>	
3. Approprjazzjoni finali għas-sena (1A+1B+2)	12 000 000
4. Użu tal-approprjazzjoni finali	0
<hr/>	
5. Ammont mhux użat/disponibbli (3-4)	12 000 000
6. Ħtiġijiet sal-aħħar tas-sena	2 000 000
7. Tnaqqis propost	10 000 000
8. Tnaqqis bħala perċentwal tal-approprjazzjonijiet fil-baġit (7/1A)	83,33%
9. Tnaqqis bħala perċentwal tal-approprjazzjoni finali għas-sena, fis-somma tat-trasferimenti msemmija fl-Artikolu 23(1)(b) u (c) tar-Regolament Finanzjarju, ikkalkolat skont l-Artikolu 17a tar-regoli tal-implimentazzjoni.	n/a

c) Dħul minn irkupru (trasferit) (C5)

	AĦ
1. Approprjazzjoni disponibbli fil-bidu tas-sena	0
2. Approprjazzjoni disponibbli fis-17/07/2008	0
3. Rata tal-użu [(1-2)/1]	n/a

d) Raġunijiet dettaljati għat-tnaqqis

Jista' jsir trasferiment minn din il-linja għaliex hemm biżżejjed approprjazzjonijiet għall-impenji fil-Kapitolu sabiex ikopru l-ħtiġijiet sa tmiem is-sena. Din il-linja hija użata sabiex issaħħaħ linji oħra f'każ ta' emerġenza; l-ammont li se jibqa fuq il-linja se jkun biżżejjed.

Dan it-tnaqqis fil-ħtiġijiet huwa dovut għad-dewmien biex tibda l-operazzjoni EULEX Kosovo (iffinanzjata mil-linja tal-baġit 19 03 03); il-prefinanzjament inizjali ta' € 46 miljun għall-operazzjoni EULEX skedata għal Ġunju 2008 tnaqqas għal € 20 miljun skont il-ħtiġijiet reali wara d-dewmien biex tibda l-missjoni; it-tieni pagament mhux se jsir eliġibbli sakemm 70% ta' dawn l-€ 20 miljun ikunu ntużaw u dan se jiddependi fuq ir-rata li biha se jintbagħat il-persunal fuq il-post. Fid-dawl ta' dan id-dewmien, l-approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet ippjanati għall-operazzjoni EULEX għandhom ikunu biżżejjed sa tmiem is-sena u l-ebda żieda mhi għalhekk se tkun meħtieġa mil-linja 19 03 04.

€ 10 miljun jistgħu għalhekk jiġu trasferiti minn din il-linja għal-linja tar-rispons għall-kriżijiet għall-Istrument għall-Istabbiltà (19 06 01 01) mingħajr ma jiġi pperikolat it-twettiq tajjeb tal-operazzjonijiet fil-Kapitolu tas-CFSP.

II.B

a) Intestatura

19 04 01 - Demokrazija u Drittijiet tal-Bniedem (EIDHR)

b) Ċifri fis-17/07/2008

	AĦ
1A. Approprjazzjonijiet fil-baġit (baġit inizjali + AB)	51 700 000
1B. Approprjazzjoni fil-baġit (EFTA)	0
2. Trasferimenti	0
<hr/>	
3. Approprjazzjoni finali għas-sena (1A+1B+2)	51 700 000
4. Użu tal-approprjazzjoni finali	2 978 400
<hr/>	
5. Ammont mhux użat/disponibbli (3-4)	48 721 600
6. Ftigijiet sal-aħħar tas-sena	33 721 600
7. Tnaqqis propost	15 000 000
8. Tnaqqis bħala perċentwal tal-approprjazzjonijiet fil-baġit (7/1A)	29,01%
9. Tnaqqis bħala perċentwal tal-approprjazzjoni finali għas-sena, fis-somma tat-trasferimenti msemmija fl-Artikolu 23(1)(b) u (c) tar-Regolament Finanzjarju, ikkalkolat skont l-Artikolu 17a tar-regoli tal-implimentazzjoni.	n/a

c) Dħul minn irkupru (trasferit) (C5)

	AĦ
1. Approprjazzjoni disponibbli fil-bidu tas-sena	0
2. Approprjazzjoni disponibbli fis-17/07/2008	0
3. Rata tal-użu [(1-2)/1]	n/a

d) Raġunijiet dettaljati għat-tnaqqis

Kif diġà indikat fil-Pjan tal-Implimentazzjoni tal-Baġit (Marzu 2008), il-kuntratti għall-proġetti kurrenti qed jiġu ffirmati b'rata aktar bil-mod milli previst fil-Pjan ta' Azzjoni Annwali adottat f'Diċembru 2007; dan jissuġġerixxi li numru ta' azzjonijiet se jiġu posposti sa tmiem is-sena u li l-ħlasijiet tal-prefinanzjament se jsegwu fil-bidu tal-2009.

€ 15-il miljun f'approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet jistgħu għalhekk jiġu rilaxxati għax mhumiex se jkunu meħtieġa sabiex jiġu koperti l-obbligi legali li ttieħdu jew li se jittieħdu fl-2008.

II.C

a) Intestatura

19 04 03 - Missjonijiet elettorali u ta' osservazzjoni tal-UE

b) Ċifri fis-17/07/2008

	AĦ
1A. Approprjazzjonijiet fil-baġit (baġit inizjali + AB)	31 002 000
1B. Approprjazzjoni fil-baġit (EFTA)	0
2. Trasferimenti	-8 000 000
<hr/>	
3. Approprjazzjoni finali għas-sena (1A+1B+2)	23 002 000
4. Użu tal-approprjazzjoni finali	1 037 866
<hr/>	
5. Ammont mhux użat/disponibbli (3-4)	21 964 134
6. Ftigijiet sal-aħħar tas-sena	19 964 134
7. Tnaqqis propost	2 000 000
8. Tnaqqis bħala perċentwal tal-approprjazzjonijiet fil-baġit (7/1A)	6,45%
9. Tnaqqis bħala perċentwal tal-approprjazzjoni finali għas-sena, fis-somma tat-trasferimenti msemmija fl-Artikolu 23(1)(b) u (c) tar-Regolament Finanzjarju, ikkalkolat skont l-Artikolu 17a tar-regoli tal-implimentazzjoni.	n/a

c) Dħul minn irkupru (trasferit) (C5)

	AĦ
1. Approprjazzjoni disponibbli fil-bidu tas-sena	2 809 595
2. Approprjazzjoni disponibbli fis-17/07/2008	1 058 595
3. Rata tal-użu [(1-2)/1]	62,32%

d) Raġunijiet dettaljati għat-tnaqqis

L-għeluq tal-kuntratti li jkopru l-missjonijiet elettorali mwettqa ta' sikwit jinvolvi l-irkupru ta' fondi minflok il-fruġ ta' fondi addizzjonali, u b'hekk jiġu rilaxxati approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet.

Minbarra dan, it-tnax-il missjoni ppjanati fil-baġit tal-2008 għas-sena kollha tnaqqsu għal tmienja; il-pajjiżi kkonċernati huma l-Kambodja, l-Ekwador, l-Angola, ir-Rwanda, il-Kosta tal-Avorju u l-EI Salvador, u għet miżjuda riżerva għal żewġ missjonijiet. Din il-bidla tirrilaxxa l-approprjazzjonijiet ippjanati għall-ħlas tal-avvanzi rilevanti.

€ 2 miljun f'approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet jistgħu għalhekk jiġu rilaxxati għax mhumiex se jkunu meħtieġa sabiex jiġu koperti l-obbligi legali li tteħdu jew li se jittieħdu fl-2008.

II.D

a) Intestatura

19 09 02 – Azzjoni Preparatorja - Kooperazzjoni mal-Pajjiżi tal-Amerika Latina bi Dħul Medju

b) Ċifri fis-17/07/2008

	AĦ
1A. Approprjazzjonijiet fil-baġit (baġit inizjali + AB)	1 500 000
1B. Approprjazzjoni fil-baġit (EFTA)	0
2. Trasferimenti	0
<hr/>	
3. Approprjazzjoni finali għas-sena (1A+1B+2)	1 500 000
4. Użu tal-approprjazzjoni finali	0
<hr/>	
5. Ammont mhux użat/disponibbli (3-4)	1 500 000
6. Ftigijiet sal-aħħar tas-sena	500 000
7. Tnaqqis propost	1 000 000
8. Tnaqqis bħala perċentwal tal-approprjazzjonijiet fil-baġit (7/1A)	66,67%
9. Tnaqqis bħala perċentwal tal-approprjazzjoni finali għas-sena, fis-somma tat-trasferimenti msemmija fl-Artikolu 23(1)(b) u (c) tar-Regolament Finanzjarju, ikkalkolat skont l-Artikolu 17a tar-regoli tal-implimentazzjoni.	n/a

c) Dħul minn irkupru (trasferit) (C5)

	AĦ
1. Approprjazzjoni disponibbli fil-bidu tas-sena	0
2. Approprjazzjoni disponibbli fis-17/07/2008	0
3. Rata tal-użu [(1-2)/1]	n/a

d) Raġunijiet dettaljati għat-tnaqqis

Din il-linja l-għdida tal-baġit għall-operazzjonijiet li għandhom jiġu ffinanzjati mill-azzjoni preparatorja titlob perjodu ta' valutazzjoni, u dan idewwem il-fruġ tal-kuntratti sa tmiem l-2008; b'riżultat ta' dan, il-biċċa l-kbira tal-prefinanzjament se jiġi għallas fil-bidu tal-2009.

€ 1 miljun f'approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet jistgħu għalhekk jiġu rilaxxati għax mhumiex se jkunu meħtieġa sabiex jiġu koperti l-obbligi legali li se jittieħdu fl-2008.